# Q O R T I   Ċ I V I L I
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 2 ta' Awissu 2018**

Rikors Nru.  254/18 RGM
X
Kawza fil-lista: 2

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrent li permezz tieghu talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Settembru 1998 u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg prezentat b'nota fit-28 ta' Gunju 2018.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied li t-tnejn ghadhom minorenni.

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat min-Nutar Dr Reuben Debono fis-16 ta' Dicembru 2011.

Illi ma jezistu l-ebda pendenzi ta' manteniment la fil-konfront ta' xulxin u lanqas fil-konfront tal-minuri.

Illi m'hemmx prospett ragjonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw.

Ghaldaqstant talab illi l-Qorti;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Lulju 2018 minn fejn jirrizulta illi l-konvenuta deheret f'dik is-seduta, tat ruhha b'notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smiegh u ddikjarat illi m'ghandiex objezzjoni ghat-talbiet attrici.

Rat illi fl-istess udjenza l-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi maghluq u halliet il-kawza ghall-llum ghas-sentenza.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Dicembru 2011 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Dwar kwistjonijiet relatati ma' hlas ta' manteniment, jirrizulta mill-verbal tal-udjenza fuq imsemmija illi l-partijiet lahqu ftehim dwar xi arretrati dovuti b'rizultat taz-zieda annwali fil-manteniment.

**Decide:**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef Dr. Robert G. Mangion